**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 17 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 140/2018 AGV**

**AB K/A F C**
**Vs**
**DE**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fid-29 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fl-1 ta' Mejju, 2006 fil-Parrocca ta' San Nikola, is-Siggiewi u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u dan kif ser jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok.A.

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett ghaliex il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u dan minn kif ser jigi spjegat brevement hawn isfel u aktar fid-dettal waqt il-kawza fix-xhieda tal-istess attrici u xhieda ohrajn.

3. Illi kif jipprovdi l-Artikolu 19 (1d) tal-Kap.255, meta kunsens ta' xi wiehed mill-partijiet ikun hekk vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, allura z-zwieg ikun null.

4. Illi l-kunsens huwa vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittiiiet u dmirijiet essenzjali taghha ghaliex il-konvenut qatt ma gharaf ighix il-hajja tal-gherusija u l-hajja mizzewwga kif din titlob, fosthom u mhux l-anqas, li jkun "sharing" fil-hajja mizzewwga taghhom, sia emozzjonalment, billi jiddjaloga, billi jghix il-hajja mizzewwga billi jkun ta' sapport psikologiku u fiziku ghal martu – liema fatt qatt ma gie nnegat lilu avolja qatt ma kien reciprokat minnu.

5. Illi f'dan is-sens l-konvenut kien jonqos li jikkontribwixxi finanzjarjament b'risq il-familja almenu ugwalment u mhux ihalli lil martu sa minn zmien l-gherusija san-nefqa tat-tieg, sal-anqas affarijiet tal-hajja bhal ikel, ghamara, hlasijiet ta' medicine u spejjes ohra, ihalliha taqdef il-hajja matrimonjali wehidha u b'hekk isibha komda bhala seftura tieghu kif ser jigi muri waqt id-deponiment tal-provi.

6. Illi l-kunsens huwa vvizzjat fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga ghaliex sa minn qabel iz-zwieg, waqt it-tieg u anke wara tul l-ghaxar snin li suppost kienu mizzewwgin, huwa naqas

mid-dmirijiet essenzjali u fundamentali li parti fiz-zwieg ikun mistenni minnha.

7. Illi fl-gherusija l-konvenut, apparti li kien dejjem jahbi minnha fosthom li qatt tul hajtu kollha ma rrileva s-sitwazzjoni finanzjarja tieghu bhal x'ghandu assi l-bank u x'salarju ghandu, bl-iskuza li ghandhom l-ispejjez dejjem kien ikun xhih fil-hrug taghhom. Skond ma kien ighidilha, il-konvenut kien maghmul hekk ghaliex skond huwa ma kellux flus ghaliex kien gharus (diversi drabi) imma skond hu, fl-ahhar gherusija ma taghtu xejn lura meta l-gherusija spiccat hesrem.

8. Illi fatt li juri l-istat tal-karattru tieghu huwa li barra li kien gharus diversi drabi u kellu bhal diversi misteri li qatt ma ried juri, fil-hajja mizzewwga tant ma kienx jaqsam hajtu mar-rikorrenti (sharing) li qatt ma ried juriha kont tad-dawl u t-telefon li kien joffri li jhallas hu, liema hlas huwa mizeru kkomparat mal-ispejjes li tirrikjedi hajja ta' koppja b'dar matrimonjali.

9. Illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u n-nuqqas tad-dmirijiet essenzjali tieghu dehru fir-responsabbilita' minima jekk mhux inezistenti tieghu lejn iz-zwieg fejn in-nuqqas ta' qsim ta' hajtu ma' martu jidher anke fil-fatt li naqas li juri affezzjoni, djalogu u attenzjoni: oppona li jixtri c-crieket tat-tieg tant li kellha tixtrihom ir-rikorrenti; in-nuqqas tieghu ta' responsabbilita', nuqqas ta' gratitudni, imhabba u rispett lejha deher waqt it-tieg fejn huwa hallas biss il-karozzi u l-filming (video) tat-tieg – liema video u r-ritratti qatt ma ried jarahom waqt li l-attrici u ommha hallsu mitt elf haga li jinvolvi tieg kbir u sabih, waqt li r-rigali fi flus u mhumiex zammhom il-konvenut ghalih biss.

10. Illi fiz-zwieg in-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga dehru finanzjarjament billi fosthom il-konvenut meta zzewwgu fl-2006 kien jaghtiha biss hamsin lira (Lm50) fil-gimgha ghall-ikel u jinkariga ruhu li jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma imma din is-sistema ma tantx damet ghaliex wara ftit bid-dhul tal-munita Ewro beda jivversa lill-attrici mitt Euro (€100) fil-gimgha u lejn l-ahhar tal-hajja mizzewwga minflok zied il-kontribuzzjonijiet tieghu, naqashom ghal tmenin Euro (€80) fil-gimgha u wara anke sittin Euro (€60). Il-bqija tal-hafna spejjes kienet tohroghom l-attrici mid-dhul tax-xoghol taghha li kien il-bejgh ta' haxix u l-frott permezz tat-trukk fit-toroq, liema xoghol huwa xoghol tat-tbatija, anke minhabba li tkun esposta ghall-elementi. Spicca biex meta marru joqoghdu fid-dar fis-Siggiewi li wirtet minghand ommha l-attrici, l-konvenut la kien ihallas tal-konsum tad-dawl, l-ilma, gas, anzi kien jaghtiha l-ammont spjegati hawn fuq ghall-ikel biss.

11. Illi l-konvenut kien jara fl-attrici biss bhala l-bniedma li sseftirlu d-dar u thallas kollox, tant li kemm fiz-zwieg kif ukoll wara s-separazzjoni huwa riedha li tmur fid-dar tieghu fejn kien ser ighix fiz-Zejtun sabiex issajjarlu u tahsillu kull nhar ta' Tnejn u Tlieta, fil-granet tal-Erbgha u l-Hamis ma tmurx 'l hemm ghaliex mieghu kull nhar ta' Hamis ikun hemm habibu Guzeppi Seychell waqt li l-konvenut ried li jmur fil-"weekend" sabiex jorqod ghand l-attrici – haga li ma accettatx ghaliex iz-zwieg ma hux dan it-tip ta' hajja.

12. Illi kif ser turi l-attrici waqt ix-xhieda taghha u tax-xhieda ta' persuni ohra qribha, il-konvenut izzewwigha biss ghall-flus, barra milli ma kienx jikkontribwixxi finanzjarjament ghall-hajja tal-familja, riedha

tixtri garaxx ghall-karozza taghha minghajr ma huwa johrog sold. Ried li t-testament taghha taghmlu werrieta ta' xulxin waqt li huwa jaghmel testament wahdu; bzonnijiet tad-dar kien iqabbadha tixtrihom hi minn butha u mhux johrog wahdu fejn anke f'semplici "fan" ghas-sajf li nxtara wara sentejn zwieg, ghaliex xtrat "fan" li kien jiswa' hames Euros (€5) aktar milli qallha hu, liema fan xtratu €5 aktar sabiex ikun akbar, il-konvenut ghamel xenata. L-istess gara meta xtrat ir-refrigerator u l-cooker fejn ghaliex l-attrici xtrat freezer zghira ried ikkissirilha b'daqqa ta' mazza. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt li kienet l-attrici li mliet id-dar matrimonjali.

13. Illi lanqas meta l-attrici u l-konvenut kienu johorgu jieklu tal-anniversarju, hafna drabi fuq stedina tieghu, kienet ikollha thallas hi.

14. Illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga jidhru fil-karattru u l-psike tal-konvenut meta ghal ebda raguni huwa ma kienx jorqod fid-dar matrimonjali imma fid-dar tieghu z-Zejtun.

15. Illi l-aghar episodju taz-zwieg taghha l-attrici esperjenzathom meta hija kienet tqila fejn ghall-vizti kienet tkun kostretta tmur wehidha avolja l-konvenut ma kienx ikun xoghol u aghar minn hekk meta kellha iz-zewg korrimenti (miscarriages) waqt it-tqala, fejn fid-darbtejn bi skuza jew ohra l-konvenut irrifjuta li jmur iwassalha l-isptar tant li darba minnhom kellha tkun kostretta ssuq hi akkumpanjatha minn ommha. Dakinhar stess giet operata ghaliex kellha "octopic pregnancy" waqt li l-konvenut baqa' jaghti l-konkos lil terzi.

16. Illi n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jidhru mill-fatt li l-Bord tal-Adozzjonijiet ma setax jilqa' t-talba tal-attrici u l-konvenut sabiex jadottaw u dan solament minhabba l-karattur tieghu.

17. Illi barra dawn l-episodji tat-tqala, l-attrici tiftakar il-mument kiefer meta ma marrux qamar il-ghasel (honeymoon) fil-gimghat ta' wara t-tieg imma pposponewh ghat-tieni sena fejn marru f'Corfu' fejn il-konvenut kellu l-wicc li fil-kamra taghhom jakkomoda lil GH, li huwa habib intimu tal-konvenut. Il-konvenut qallha jumejn biss qabel ma siefru li G, kien ser ikun jorqod maghhom. Spicca dan G raqad fl-istess kamra maghhom meta suppost dan kien il-honeymoon tal-attrici u l-konvenut. Kien f'dan il-mument li l-konvenut stqarr mal-attrici li huwa jhobb lil G. GH kien dam maghhom lejl u nhar fit-tmint ijiem li huma damu gewwa Corfu' fejn il-konvenut kera karozza u huma t-tlieta, kienu kostretti mill-konvenut li jhallsu tali spejjes tal-vettura bejniethom it-tlieta, meta suppost il-honeymoon huwa "sharing" intimu ta' hajjet tnejn minn nies li nghaqdu fiz-zwieg sabiex ikun hemm s-siehba ta' xulxin sakemm il-mewt tifridhom.

18. Illi fatt intriganti li jikkonferma kemm il-konvenut ma kellux direzzjoni ta' gudizzju fil-mument tal-kunsens taz-zwieg u n-nuqqas ta' hiliet bazici fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga, johrog mill-fatt li l-konvenut ried li jibqghu joqoghdu z-Zejtun ghaliex kif qal l-attrici, huwa jhobb lil G.

19. Illi ghalhekk kollox jindika li l-konvenut huwa bi-sesswali.

20. Illi fatt interessanti huwa li minn wara s-separazzjoni legali taghhom il-konvenut qieghed ma' ragel iehor bl-isem ta' IJ, li joqghod Bugibba

u ta' dan l-attrici ser tipprezenta ritratti li juru r-ritratt ta' dan J fuq il-messenger photo tat-telefon cellular fejn dan qieghed b'ilsienu barra flimkien maz-zewgt irgiel ohra li huma fl-istess posizzjoni u cioe' b' ilsienhom barra.

**Iz-zwieg huwa null meta l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.**

21. Illi ghalhekk, fuq dan l-ahhar episodju u ohrajn li ser jigu ppruvati waqt il-kawza, dan iz-zwieg huwa null ukoll ghaliex il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb bl-qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga.

22. Illi t-tibna li gherqet il-hmar kien l-episodju meta ppakkja mid-dar tieghu fiz-Zejtun fejn huwa mar ighix qabel ma sseparaw u siefer minghajr ma ta lill-attrici dettalji fejn sejjer, ma' min sejjer u ghalfejn sejjer.

23. Illi haga bhal din fejn johrog jiddeverti wahdu gieli ghamilha fiz-zwieg meta gieli anke f'festi sbieh bhal Milied huwa kien johrog pulit minghajr ma jistedinha sabiex johorgu flimkien. Kien ighidilha li huwa lest mahsul waqt li hi kienet tkun ghadha tahsel u taghmel il-faccendi tad-dar.

24. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1© u (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ighid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kkuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Mejju, 2006 huwa null u minghajr effett legali ai termini tal-Artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi © u (d) tal-Att XXXVII tal-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Konsegwentement, tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg Relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eccepixxa illi:-

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. Illi mhux minnu li l-kunsens tal-eccipjent kien ivvizzjat b'xi difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju u lanqas hu minnu li l-kunsens tal-eccipjent kellu difett fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga.

3. Illi mhux minnu li l-eccipjent qarraq bl-attrici dwar xi kwalita' tieghu u ghaldaqstant jekk il-kunsens tal-attrici kien ivvizzjat dan certament mhux tort tal-eccipjent.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skond il-ligi.

**FATTI**

1. Il-kontendenti zzewwgu fl-1 ta' Mejju, 2006 fil-Parrocca ta' San Nikola, is-Siggiewi u sseparaw fit-3 ta' Mejju, 2008 fl-atti tan-Nutar Jean Karl Debono.

2. L-attrici thoss li fl-gherusija, il-konvenut kien xhih maghha u dan kompla fiz-zwieg, qatt ma kellu impjieg fiss u kien tip ta' bniedem li ma riedx "committment." Ma kienx "sharing" fil-hajja mizzewwga, sia emozzjonalment u lanqas finanzjarjament. Meta gew biex jixtru c-crieket tal-gherusija, kelli tixtrihom hi u anke c-crieket tat-tieg.

3. Anke ghat-turija tal-imhabba, l-attrici tistqarr li l-konvenut kien nieqes minn kull aspett ta' romanticizmu u mhabba lejha. Kienu ddecidew li jmorru *honeymoon,* is-sena ta' wara f' Corfu u jumejn qabel ma telqu, il-konvenut infurmaha li kien sejjer maghhom il-habib intimu tieghu GH u dan spicca mhux talli mar maghhom, izda raqad maghhom fl-istess kamra meta suppost kienu *honeymoon.* Kien hawn li l-konvenut kien qallha biex tiehu pacenzja peress li kien ihobb li dan G, tant hu hekk li minhabba f'hekk baqghu jghixu z-Zejtun peress li kien joqghod hemm. Tghid li tul il-*honeymoon* il-mod kif ittratta lilha u lil Guzeppi kien l-istess.

4. L-attrici thoss li tul iz-zwieg kien jittrattaha ta' seftura, kien jippretendi li thallas kollox hi u ma kienx jaghtiha aktar minn €100 fil-gimgha, li mbaghad naqashom ghal €80 u dawn kienu ghall-ikel biss. Kienet anke tiehu hsieb il-kontijiet kollha tad-dar u kienet tahdem billi kienet tbiegh il-frott u haxix. Imbaghad, kien jispicca

jghajjarha li zzewwigha ghaliex hadd ma riedha u li hdejh kienet tidher qisu ommu u b'hekk kien ibaxxiha.

5. L-attrici kienet harget tqila darbtejn u kienet korriet id-darbtejn, li spiccaw lanqas kellhom tfal. L-attrici tikkonferma li l-konvenut kien biered maghha u ghall-fatt li kienu qed jistennew trabi. Fil-maggorparti kienet tmur ghand it-tabib wahedha u kienet thallas l-ispejjes kollha hi. Lanqas meta kellha l-"octopic pregnancy," il-konvenut kien baqa' jahdem, filwaqt li ommha kienet haditha l-isptar ghax kienet indunat li kienet qed tkorri t-tarbija. Kien ghalhekk li pprovat tadotta tarbija, izda minhabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tal-konvenut u n-nuqqas ta' interess, il-Bord tal-Adozzjonijiet kienet irrakkomandatlu sabiex imur "family therapy" izda kien irrifjuta u ghalhekk it-talba ghall-adozzjoni giet michuda.

6. Ruth Navarro, mill-Agenzija Appogg spjegat li essenzjalment ir-ragunijiet ghalfejn kienu rrakkommandaw illi ma ssirx adozzjoni peress li kien jidher li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-konjugi u kien jidher car li lanqas kienu tkellmu dwar x'preferenzi kellhom fuq l-adozzjoni bhal eta' ecc. Kien ikollhom hafna dizgwid bejniethom.

   Kien jidher li iktar kienet interessata l-attrici f'adozzjoni, filwaqt li l-konvenut kien iktar passiv u kien qed ihares lejha bhala financial investment. Adozzjoni trid tkun tal-koppja fil-fehma taghha. Kienet inkwietat ukoll dwar it-tolleranza taghhom fuq issues tal-LGBT jekk kien ikun il-kaz bit-tarbija li jadottaw.

   Irrizulta ukoll mill-psychological report, li l-konvenut kien trabba f'familja fejn kien ra vjolenza domestika u li l-partijiet kellhom nuqqas ta' sapport familjari.

7. Il-konvenut, skond l-attrici llum huwa *gay* u wara li sseparaw kien beda relazzjoni ma’ IJ. Hija aktar konvinta li huwa *gay* peress li kien joqghod ukoll ma’ nies li kienu *gay* bhal certu KL, li kienet iltaqghet mieghu meta marret ghand il-konvenut l-ewwel darba.

8. MN, habiba tal-attrici kkonfermat li l-attrici kienet thallas hafna affarijiet fiz-zwieg u li ghall-*honeymoon* kien mar maghhom habib tal-konvenut u kien raqad fil-kamra tas-sodda maghhom. Taf dan kollu ghax gieli kienu johorgu flimkien mal-kontendenti bhala koppji.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**IKKUNSIDRAT**

**<u>Nullita taht l-Artikolu 19(1)(d)</u>**

***d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;***

Ikkunsidrat;

Gie diversi drabi ritenut li d-decizjoni li wiehed jizzewweg tirrikjedi qabel xejn li wiehed jaghmel apprezzament ta’ xi tfisser li wiehed jghix hajja mizzewga, bid-drittijiet u l-obbligi li tali decizjoni ggib maghha. Ghalhekk huwa imperattiv li biex jigu stabbiliti x’inhuma d-drittijiet u l-obbligi ta’

koppja mizzewga, wiehed ihares lejn il-ligi civili kif regolat permezz tal-Kodici Civili.

**Il-Kodici Civili fl-Artikolu 2** intestat ***Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-Ragel u l-Mara Lejn Xulxin*** jelenka l-jeddijiet u d-dmirijiet li jitnisslu miz-zwieg:-

***Artikolu 2.***

*(1) Il-ligi tippromwovi l-ghaqda u l-istabbilita' tal-familja.*
*(2) Il-mizzewgin ghandhom jeddijiet indaqs u jerfghu responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom. Ghandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin u li jieqfu ma' xulxin kemm moralment kif ukoll materjalment.*
*(3) Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.*

Ikkunsidrat;

Fis-sentenza **Alessandra sive Sandra Mc Monagle gia' Mamo vs Mario Mamo**[1], il-Qorti fissret illi sabiex jirrendi l-kunsens moghti ghaz-zwieg invalidu ai termini tas-subinciz (1)(d) tal-Artikolu 19, jehtieg illi:-

***"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritiko estimattiva jew kritko valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew***

[1] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta' Ottubru, 2000

***minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett.*"** [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Il-gurisprudenza fir-rigward ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hija konkordi fis-sens illi d-difett li wiehed jevalwa, jifhem u jassumi d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li japprezza u jifhem x'ifisser iz-zwieg u l-hajja mizzewga, irid ikun wiehed gravi, tant illi m'huwiex kwalunkwe stat ta' immaturita` fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, iwassal ghall-annullament taz-zwieg minhabba nuqqas ta' *discretio judicii*.

Fis-sentenza **Mario Mizzi vs Maris Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru 2005, gie ritenut illi:-

**"*Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita' psikika jew kostituzzjonali (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberament (jigifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.*"**

Ikkunsidrat;

In-nuqqas tad-*discretio judicii* huwa tabilhaqq kuncett guridiku li ghandu affinita` inerenti mal-kapacita` ta' wahda mill-partijiet jew entrambi l-partijiet fiz-zwieg, li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. In propositu, fis-sentenza **Charles Atkins v. Matilde Atkins**[2],

[2] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2003

inghatat spjegazzjoni dettaljata tal-kuncett ta’ *discretio judicii* li huwa rikjest biex tikkonvalida l-kunsens matrimonjali:-

“*Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi. ... Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.*”

Huwa rilevanti jigi senjalat ukoll li jinsab imfisser fil-gurisprudenza nostrana[3] illi b’immaturita` affettiva wiehed ma jifhimx sempliciment nuqqas ta’ affett lejn il-parti l-ohra jew nuqqas ta’ gibda lejha jew nuqqas ta’ imhabba. Lanqas il-fatt li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement jew ma tkunx hasbet jew irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jitqiesx necessarjament bhala difett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju ghaliex f’kull kaz, id-difett riskontrat irid ikun wiehed serju u gravi u mhux ibbazat fuq incident uniku.

F’dan il-kaz, il-koppja damu mizzewwga ghal xi hdax-il sena, izda mill-bidunett ma jirrizultax li kien zwieg normali. Il-konvenut kien wera indifferenza totali meta gew biex jixtru c-crieket tal-gherusija,

[3] Ara r-rassenja tal-gurisprudenza in materja li tinsab fis-sentenza Simon  Cusens vs. Romina Cusens supra.

imbaghad dawk ta’ tieg. Kienet hallset kollox l-attrici. L-istess tul iz-zwieg, il-konvenut ippretenda li l-attrici ghandha thallas il-kontijiet.

Ghandu jigi rilevat li minkejja li l-konvenut kien ipprezenta nota guramentata naqas li jipproduci provi u ghaldaqstant, apparti li mhux ikkontestat jew innegat dak li sostniet l-attrici kif imsemmija aktar ‘l fuq, ghandu jinghad li mill-provi mressqa mill-attrici, dwar il-fatt li l-konvenut ma kienx persuna “sharing” maghha. Il-konvenut ma kienx juri l-ebda sapport emozzjonali u lanqas finanzjarju lill-attrici.

L-attrici ndikat li ghandha d-dubbji taghha dwar l-orjentazzjoni sesswali tal-konvenut. L-ewwel dubbji tqajjmu meta sentejn miz-zwieg marru honeymoon u jumejn wara li telqu, il-konvenut kien infurmaha li kien se jakkumpanjahom habib intimu tieghu GH, li mhux biss mar maghhom, izda addiritura raqad maghhom fl-istess kamra tul il-honeymoon, xi haga ngustifikabbli ghall-koppja friska hierga miz-zwieg u stqarr maghha li kien ihobbu.

L-attrici gabet provi ukoll li l-konvenut ried jibqa’ joqghod iz-Zejtun peress li dan GH kien joqghod hemm.

Dubbji fuq l-orjentazzjoni sesswali tal-konvenut jidhlu ukoll peress li wara s-separazzjoni, skond l-attrici, mar ighix ma’ certu IJ.

Ruth Navarro in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg, hejjiet diversi laqghat mal-kontendenti meta pprezentaw l-interess taghhom li jaddotaw tarbija, peress li l-attrici kienet korriet darbtejn u mbaghad ma setghetx ikollha tfal u kellha tirrelata dwar l-istess. Irrakkomandat kontra li ssehh l-adozzjoni, minhabba li kien jirrizulta li kien hemm

nuqqas ta' livell edukattiv. Il-partijiet ma kienux koppja mizzewwga li jikkomunikaw bejniethom u dan jirrizulta car mis-semplici fatt, li qabel m'ghamlu t-talba taghhom, naqsu li jiddiskutu x'kienu qed ifittxu fit-tarbija. Kien hemm dizgwid totali u indifferenza da parti tal-konvenut in partikolari li jwassluha temmen li kieku ma kienx ghall-attrici, il-konvenut ma kienx jadotta.

In sintesi, il-konvenut carament kien ibati minn immaturita' affettiva u meta tah il-kunsens tieghu ghaz-zwieg, ma kienx verament jaf is-sinifikat tieghu. Zwieg ma jidbiex bil-presenza ta' terz ghax thobbu! Kien bniedem li ovvjament ma kienx kapaci jevaluwa li bhala ragel mizzewweg kellu certu dmirijiet lejn martu, in kwantu kien biered emozzjonalment, kien ighix hajja separata minn ma' martu u di piu' anke l-proceduri ta' adozzjoni per se, ghalih kienu jirrapprezentaw pakkett finanzjarju u kien assolutament biered mill-ideja li jibda jrabbi familja.

In sostenn ta' dan kollu, dina l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tiddeciedi li l-provi kollha jwasslu ghan-nullita' taz-zwieg minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat taht l-Artikolu 19(1d).

**<u>Artikolu 19 (1c)</u>**

Dwar din id-disposizzjoni tal-ligi, dina l-Qorti tosserva li ma ngabux provi konkreti in sostenn taghha u di piu' l-attrici, ibbazat in-nota ta' sottomissjonijiet taghha biss fuq talba ghan-nullita taht id-disposizzjoni 19(1d). Dan iwassal sabiex dina l-Qorti tiddeciedi ai termini ta' dan l-Artikolu biss.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet fl-1 ta’ Mejju, 2006 huwa null u minghajr effett legali ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Att XXXVII Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Tilqa’ t-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

Onor. Anthony G Vella
**Imhallef**

Cettina Gauci
**Deputat Registratur**